

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-8 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van beroep te Brussel – il-Belġju) – L-Istat Belġjan vs Wereldhave Belgium Comm. VA, Wereldhave International NV, Wereldhave NV**

(Kawża C-448/15)<sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kumpanniji omm u sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri distinti — Sistema fiskali komuni applikabbli — Taxxa fuq il-kumpanniji — Direttiva 90/435/KEE — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 2(c) — Kumpannija suġġetta għat-taxxa, mingħajr possibbiltà ta' għażla u mingħajr ma tiġi eżentata — Taxxa b'rata ta' żero)**

(2017/C 144/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### **Qorti tar-rinviju**

Hof van beroep te Brussel

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: L-Istat Belġjan

Konvenuti: Wereldhave Belgium Comm. VA, Wereldhave International NV, Wereldhave NV

### **Dispożittiv**

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [omm] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Artikolu 5(1) tagħha ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha withholding tax hija imposta fuq id-dividendi mqassma minn sussidjarja stabbilita f'dan l-Istat Membru lill-organu ta' investimenti kollettivi ta' natura fiskali, stabbiliti fi Stat Membru ieħor, suġġett għat-taxxa fuq il-kumpanniji għal rata żero bil-kundizzjoni li l-profiti kollha tiegħi jitqassmu lill-azzjonisti tiegħi, peress li tali organu ma jikkostitwixx “kumpannija ta' Stat Membru”, fis-sens ta' din id-direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU C 363, 3.11.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Općinski sud u Novom Zagrebu – il-Kroazja) – Ibrica Zulfikarpašić vs Slaven Gajer**

(Kawża C-484/15)<sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 805/2004 — Titolu eżekkuttiw Ewropew għad-debiti mhux ikkontestati — Kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni bħala titolu eżekkuttiw Ewropew — Kunċett ta’ “qorti” — Nutar li ħareġ mandat ta’ eżekuzzjoni abbażi ta’ “dokument awtentiku” — Att awtentiku)**

(2017/C 144/10)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

### **Qorti tar-rinviju**

Općinski sud u Novom Zagrebu

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ibrica Zulfikarpašić

Konvenut: Slaven Gajer

## Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-Kroazja, in-nutara, li jaġixxu fil-kuntest tas-setgħat mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata abbażi ta' "dokument awtentiku", ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "qorti" fis-sens ta' dan ir-regolament.
- 2) Ir-Regolament Nru 805/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li mandat ta' eżekuzzjoni maħruġ minn nutar, fil-Kroazja, abbażi ta' "dokument awtentiku", u li ma kienx is-suġġett ta' oppożizzjoni ma jistax jiġi ċertifikat bħala titolu eżekuttiv Ewropew peress li dan ma jirrigwardax debitu mhux ikkонтestat fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU C 389, 23.11.2015.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Opċinski sud u Puli-Pola – il-Kroazja) – Pula Parking d.o.o. vs Sven Klaus Tederahn

(Kawża C-551/15)<sup>(1)</sup>

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (UE) Nru 1215/2012 — Kamp ta' applikazzjoni ratione temporis u ratione materiae — Materji ċivili u kummerċjali — Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata intiża għall-irkupru ta' debitu mhux imħallas għal ipparkjar pubbliku — Inklużjoni — Kunċett ta' "qorti" — Nutar li ħareġ mandat ta' eżekuzzjoni abbażi ta' "dokument awtentiku")

(2017/C 144/11)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

### Qorti tar-rinviju

Opċinski sud u Puli-Pola

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pula Parking d.o.o.

Konvenut: Sven Klaus Tederahn

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija minn kumpannija li hija l-proprietà ta' kollettvitterritorjali kontra persuna fiżika iddomiċċljata fi Stat Membru ieħor, għall-finijiet tal-irkupru ta' debitu mhux imħallas għal ipparkjar f'sparkegg pubbliku, li t-tmexxija tiegħi għiet iddelegata lil din il-kumpannija minn din il-kollettvit, li bl-ebda mod ma huwa ta' natura punittiva iżda sempliċement jikkostitwixxi korrispettiv tas-servizz ipprovdut, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.
- 2) Ir-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-Kroazja, in-nutara, li jaġixxu fil-kuntest tas-setgħat mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata abbażi ta' "dokument awtentiku", ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "qorti" fis-sens ta' dan ir-regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU C 48, 8.2.2016.